MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Numru 989/2002

Il-Pulizija
(Supretendent Alexandra Mamo)

vs

Michelina Cilia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra Michelina Cilia ta' karta ta' identita' numru 639750(m) akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fil-perjodu ta' bejn Ottubru 2001 u Awissu 2002 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ikkommettiet serq ta' flus, deheb u oggetti ohra, li l-valur taghhom jammonta ghal aktar minn Lm3000, mill-fond numru 1, Triq Didtna tad-Dawl, Zebbug, Malta, liema

fond jappartjeni lil Josephine Cilia, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-persuna, bil-lok u bil-hin;
2. xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlet biex tmexxihom jew tieghhom;
3. approprjat ruhha billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' hadet flejjes li jammontaw ghal aktar minn Lm3000 liema flejjes jappartjenu lil Josephine Cilia u persuni ohra.

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali fejn bghat l-atti lil din il-Qorti bhala wahda ta' gudikatura kriminali biex tiddecidi dwar il-htija jew le tal-imputata fin-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputata.

Semghet lill-imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-akkuzi hemm prospettati huma ta' serq aggravat bil-mezz, valur, persuna, lok, hin u xorta tal-haga misruqa, kif ukoll ta' ricettazzjoni, u approprjazzjoni indebita aggravata. Ghandhom l-origini minn rapport li ghamlet certa Josephine Cilia li akkuzat l-imputata li hadditilha kemm flus, kemm gjollerija, u kemm oggetti mid-dar li in rigward semmithom f'pasturi, bambin, zewg vazuni antiki u arlogg tal-kampnari. Mill-provi rrisultaw certu fatti li mhumiex in kontestazzjoni. Dawna jikkonsistu filli: l-kwerelanta tigi z-zija ta' zewg l-imputata; li tul il-hmistax il-sena precedenti l-imputata rrenditila servigi permezz ukoll tat-tifla taghha li kienet sahhansitra torqod mal-kwerelanta; li l-imputata

kellha wkoll prokura mill-istess kwerelanta sabiex taqdiha fil-bzonnijiet bankarji taghha; li xi granet qabel ma' l-kwerelanta kienet giet rikoverata l-isptar minhabba li weqghet hi kienet irceviet ammont sostanzjali ta' arrettrati lilha dovuta mid-dipartiment socjali u kienet taghat Lm1000 minnhom lill-imputata; li tul l-perjodu li damet isserviha l-imputata u anka ghal xi perjodu wara kellha cavetta tad-dar; li l-imputata kienet irceviet xi oggetti ta' gjollerija mill-kwerelanta.

Issa mill provi jirrisulta li r-relazzjoni bejnithom tkissret wara li l-kwerelanta ttiehdet l-isptar minn fejn spiccat rikoverata f'istitut ghall-anzjani u meta l-imputata hawnhekk skopriet li l-kwerelanta kienet irregalat xi gjollerija lil xi neputijiet taghha li l-imputata ppretendiet kienu gja gew irregalati lilha.

Illi f'dan l-isfond l-kwerelanta stqarret: - rigward il-flus, li fil-hin li l-imputata kienet gabitilha l-flus kontanti tac-cekk tas-sigurta' socjali hi kienet poggit Lm4800 (igifieri neqsin Lm1000 li kienet taghat lill-imputata) u ammont iehor ta' Lm200 f'armarju fejn kellha xi deheb, u, xi hmistax wara li kienet giet rikoverata l-isptar u tablet lill-imputata sabiex isarfilha zewg cekkijiet, wiehed tat-Tezor u l-iehor tas-Sigurta' Socjali, u qaltilha sabiex izzomm xi flus ghaliha u l-kumplament tiddepositahomla fil-kont taghha l-bank, l-imputata qaltilha li l-flus kienu taghha, li ma kinitx ser taghmel xejn minn dak li l-kwerelanta kienet talbitha, u hesrem waqfet li tmur tarha aktar; - rigward ic-cavetta tad-dar li kienet talbitilha u kien biss xi sitt xhur wara li giet fil-pussess taghha; - rigward id-deheb, li kienet fdatu lill-imputata biex jigi kustodit minna u meta talbitulha l-imputata irrifjutat li tirritornah; - rigward l-oggetti li ssemmew fuq, li kienet ikkonstatat li gew neqsin meta kienet marret f'darha akkompanjata minn 'nurse' f'Gunju tas-sena 2002.

Illi l-imputata cahdet li hadet l-Lm4,800, cahdet wkoll li hadet xi oggetti, cahdet li kienet qalet id-diskors li stqarret l-kwerelanta, ammettiet li zammet kemm l-Lm200 u l-gojellerija, izda nsistiet li dawn kienet tahtomla l-kwerelanta.

Issa mill-provi u d-dokumenti jirrisulta: (i) li ma kinitx l-imputata li hadet mill-armarju l-flus u  l-gojellerija; (ii) li kienet pero' zammet dik il-gojellerija li hi tghid kienet irregalatilha l-kwerelanta u li l-imsemmija kwerelanta tghid li kienet tahtomlha sabiex tikkustodihom; (iii) li l-istess fir-rigward l-Lm200 li kienet sarfithom l-istess imputata permezz tal-prokura li minnhom hi tghid li kienet xtrat xi bzonnijiet ghall-kwerelanta;
(iv) li cahdet li hadet jew misset l-ammont import tac-cekk tas-sigurta socjali li kienet sarfitu hi stess u li mill-provi mhux kontestat li kienet irceviet Lm1000 minnhom u l-kumplament ghaddiethom lill-kwerelanta. Jirrisulta wkoll mill-provi u d-dokumenti li l-kwerela giet ppresentata fl-20 ta' Settembru 2002, li l-prokura lill-terz inghatat fis-7 ta' Dicembru 2001, li c-cavetta inghatat lura f'xi zmien vicin wara d-9 ta' Jannar 2002; li z-zewg cekkijiet fuq riferiti isarfu mill-imputata fit-13 ta' Ottubru 2001 u fl-10 ta' Novembru ta' l-istess sena fejn bejn dawn iz-zewg dati jidher l-kwerelanta kienet gja iddahlet l-isptar.

Illi mill-kwadru tal-fatti kif hawn spiegat din il-Qorti nisslet il-fehma illi s-serq hu eskluz u wkoll r-ricettazzjoni billi ma jissusistux l-elementi kostituttivi li jikkarettarizzaw dawn ir-reati u lanqas, tenut kont il-fatti wkoll li l-gojellerija giet ritornata minghajr opposizzjoni, tirrisulta l-approprjazzjoni bla jedd. Il-Qorti tippuntwalizza li l-prova mill-prosekuzzjoni kellha tkun dik 'il fuq minn kull dubbju dettat mir-raguni u fil-fehma taghha l-provi ma jwasslux sa' dan il-grad rikjest b'daqstant li kull dubbju ghandu jmur favur l-imputata.

Ghalhekk u billi il-provi ma jwasslux sabiex il-Qorti issib htija fl-imputata qeghdha tiddikjarha mhux hatja tal-akkuzi kontiha migjuba u tilliberha minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------